MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 45/2014

**Illum id-19 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 45/14 SM**

**Fl-ismijiet:**

**L-Avukat Dr Massimo Vella**

**Bhala mandatarju specjali ta' Enriko Bondi**

**Bhala Commissario Straordinario ta'**

**Parmalat Malta Holding Limited (C 29636)**

**U Parmalat  Trading Limited (C 30050),**

**Ghan-nom u in rappreżentanza tal-istess**

**vs**

**Registratur tal-Kumpaniji**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-17 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'decizjoni tat-Tribunal ta' Parma, l-Italja, datata t-18 ta' Jannar, 2013, gie dikjarat is-segwenti:

1.1.1. Illi gew konkluzi proceduri amministrattivi hemm indikati fil-konfront ta':

1.1.1.i. Parmalat Malta Holding Limited (C-29636), u

1.1.1.ii. Parmalat Trading Limited (C-30050);

1.1.2. Illi inhatar Enrico Bondi biex jitlob it-thassir tas-socjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti mir-registru fejn huma iskritti:

1.1.3. Illi l-istess sentenza intbaghtet lill-Kancellerija ghall-affissjoni u komunika hemm indikata tar-registru fejn l-imsemmija socjetajiet jirrizultaw iskritti;

1.2. Illi l-gharfien u ezekuzzjoni ta’ sentenzi esteri hu regolat mir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Numru 1346/2000 tad-29 ta’ Mejju, 2000, rigwardanti falliment ta’ socjeta`;

1.3. Illi *di piu`*, sentenza ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea hu wkoll regolat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001;

1.4. Illi in vista tal-imsemmija Regolamenti s-socjetajiet fuq riferiti ghandhom jigu mhassra mir-Registru tas-Socjetajiet minghajr il-htiega ta’ proceduri specjali;

1.5. Illi nonostante li l-intimat gie debitament interpellat biex jottempera ruhu mad-decizjoni estera fuq riferita, hu baqa’ inadempjenti;

1.6. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-Qorti biex din:

1.6.1. Prevja dikjarazzjoni li d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Parma tat-18 ta’ Jannar, 2013,

tigi rikonoxxuta *ai termini* tar-Regolamenti pre-citati:

1.6.2. Prevja dikjarazzjoni li l-intimat naqas milli jottempera ruhu mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti in dizamina;

1.6.3. Tordna lill-intimat jikkancella l-imsemmija socjetajiet mir-Registru tas-Socjetajiet;

1.6.4. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Rat id-dokumenti kollha annessi;

3. Tirrileva li a bazi tan-notifika datata s-7 ta' Frar, 2014, l-intimat jirrizulta li hu fi stat ta' kontumacja, (ara foll 28);

4. Semghet lix-xhud prodott;

5. Ezaminat l-affidavit esebit;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi minn ezami tal-atti prodotti jirrizulta sintentikament is-segwenti:

6.1. Illi permezz ta' din il-procedura qieghed jintalab li d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Parma l-Italja fit-18 ta' Jannar, 2013, tigi rikonoxxuta w ezegwita *ai termini* tar-Regolamenti tal-Kunsill citati mill-istess rikorrenti *nomine* ghal dan il-ghan;

6.2. Illi jirrizulta pacifiku minn ezami tad-dokumentazzjoni prodotta *in atti*, li d-decizjoni in dizamina hi regolari u tissodisfa l-imsemmija Regolamenti;

**DECIDE:**

7.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* issodisfa l-kriterji imposti mill-imsemmija Regolamenti u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess rikorrenti nomine:

7.1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ta' Parma fuq riferita datata t-18 ta' Jannar, 2013, qed tigi rikonoxxuta fit-termini tal-imsemmija Regolamenti;

7.2. Tiddikjara li l-intimat naqas li jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti *de quo*;

7.3. Tordna lill-intimat jikkancella s-socjetajiet imsemmija fl-istess decizjoni tat-Tribunal ta' Parma fuq gia` riferiti;

7.4. Bl-ispejjez kontra r-Registratur intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------